MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 641/2006/1

**Alfred Stivala**
***v.***
**Ronald Azzopardi**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza li ikkundannatu jrodd flus illi l-attur igħid illi kien siliflu.

2. L-attur kien fisser illi fi Frar tal-2004 hu kien silef lill-konvenut tnax-il elf u disa’ mitt lira ta’ Malta (Lm12,900) u ta’ dan il-konvenut kien ħareġ żewġ *cheques*: wieħed datat 9 ta’ Frar 2003 (kellu jkun 9 ta’ Frar 2004) għal sitt elef u mitejn lira (Lm6,200) u l-ieħor datat 14 ta’ Frar 2004 għal sitt elef u seba’ mitt lira (Lm6,700). Dawn iċ-*cheques*, fuq talba tal-konvenut li qal li ma kienx hemm

fondi, ma ġewx preżentati għall-ħlas u, billi l-konvenut baqa' ma raddlux il-flus, l-attur sejjaħlu b'ittra ġudizzjarja tad-19 ta' Mejju 2005 biex iħallas. Wara din l-ittra l-konvenut għadda lill-attur erba' *cheques* datati rispettivament 11 ta' Lulju 2005, 18 ta' Lulju 2005, 3 ta' Settembru 2005 u 10 ta' Settembru 2005, iżda dawn iċ-*cheques* ukoll ma ssarrfux.

3. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallsu tnax-il elf u disa' mitt lira ta' Malta (Lm12,900) – illum tletin elf u tmienja u erbgħin euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€30,048.92) – flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet mid-9 ta' Frar 2004.

4. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

5. ma hux minnu illi hu ssellef flus mingħand l-attur għax in-negozju ta' bejniethom kien ta' tisrif ta' flus barranin;

6. bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, l-ammont mitlub mill-attur huwa esaġġerat għax, jekk qatt l-attur kellu jieħu xi ammont, dan ma kienx ta' aktar minn sebat elef lira (Lm7,000);

7. hu kien ħareġ erba' *cheques* għal sebat elef lira (Lm7,000) b'kollox għas-saldu ta' kull pretensjoni tal-attur; l-attur kien ta struzzjonijiet biex dawn iċ-*cheques* jinħarġu pagabbli lil terzi;

8. għalhekk, jekk l-attur qiegħed isejjes it-talba tiegħu fuq dawn iċ-*cheques*, ma għandux interess ġuridiku billi ebda wieħed mill-benefiċjarji taċ-*cheques* ma huwa parti fil-kawża;

9. ma kien hemm ebda ċessjoni ta' kreditu minn dawn it-terzi lill-attur u għal din ir-raġuni wkoll l-attur ma għandux interess ġuridiku; u

10. ma hux minnu illi hu talab lill-attur biex ma jippreżentax iċ-*cheque* tal-14 ta' Frar 2004 għax ma kienx hemm fondi iżda kien l-attur stess illi naqas milli jippreżenta ċ-*cheque* għall-ħlas.

11. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħat it-talbiet tal-attur, b'dan li l-imgħaxijiet jibdew mid-19 ta' Mejju 2005, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Ġie preżentat *affidavit* ta' Alfred Stivala li semma li lill-intimat Azzopardi sar jafu permezz tal-ħabib tiegħu Ian Pecorella. Semma li meta ltaqgħu Azzopardi talbu jisilfu

Lm6,200 *cash* iżda ma qallux għalfejn riedhom. Żied li l-intimat bagħat lil xi ħadd li kien jaħdem miegħu biex jiġbor il-flus u tah *cheque* fl-istess ammont bid-data tad-9 ta' Frar 2003. Hu tah il-flus kif ftiehmu u qal li ma kienx induna li d-data ta' fuq iċ-*cheque* kellha s-sena mniżżla ħażin. Kompla jgħid li jumejn wara l-konvenut mar l-uffiċċju tiegħu u qallu li kellu bżonn Lm6,700 u ħareġ *cheque* ieħor fl-istess ammont. Hu silfu l-flus *cash* u dwar imgħaxijiet ma kinux ftiehmu.

"Wara ġimgħa mar isarraf iċ-ċekkijiet fil-fergħa tal-*HSBC* ta' Saint Andrews iżda dawn ma setgħux jissarfu minħabba li l-konvenut ma kellux fondi. Semma li hu kien imur l-uffiċċju tiegħu f'tas-Sliema personalment kif ukoll iċempillu biex jgħidlu biex jagħtih il-flus. Hu dejjem kien jgħidlu li kien ser jagħtihomlu u kien jitolbu aktar żmien iżda dan baqa' ma ħallas xejn minn dak l-ammont. Wara li l-intimat sar jaf li kien ser jibda passi bil-qorti kien tah erba' *cheques* li kienu jammontaw Lm7,000 bħala parti mill-ħlas. Dawn iċ-*cheques* kienu maħruġa f'isem persuni li hu ma kienx jaf. Meta mar biex isarrafhom kienu reġgħu qalulu li ċ-ċekkijiet ma jistgħux jissarfu peress li l-intimat ma kellux fondi. Qal li fuq parir tal-avukat tiegħu kitiblu biex iħallas u l-intimat wiegħdu li kien ser iħallsu. Semma li l-intimat kellu problemi mal-mara u li qabel ma jiċċara xi affarijiet ma setax iħallas. Għalkemm kien hemm komunikazzjoni bejn l-avukat tiegħu u dak tal-intimat dan qatt ma ħallas xejn. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

"In kontro-eżami qal li ma kienx jiftakar ta' xiex kien il-kreditu, għalkemm kien qed jitlob lura valur fi flus Maltin. Huma ma kinux jagħmlu kitba meta jissellef flus Azzopardi, iżda kien jagħtih ċekkijiet.

"Ġie preżentat *affidavit* ta' Ronald Azzopardi li semma li lir-rikorrent sar jafu fl-2000 permezz ta' Ian Pecorella li kien jaħdem f'aġenzija tal-ivvjaġġar fejn kien jaħdem hu wkoll bejn l-1978 u l-2003. Qal li meta kien ikollu bżonn xi flus barranin ġieli kien imur direttament għand ir-rikorrent u kien hemm diversi drabi li għamel dan *tramite* Pecorella. Semma li mhux veru li lir-rikorrent sar jafu fl-2004 kif qed jgħid hu imma kien ilu jafu fuq 3 snin u din il-kawza kontra tiegħu qed issir fuq l-aħħar tranżazzjoni [*sic*] li kien għamel miegħu. Meta kien jingħata l-flus barranin hu kien

jagħtih kontriehom *post dated cheque* f'liri Maltin għal 15-il ġurnata wara.

"Semma li fi Frar 2004 kellu bżonn l-ekwivalenti f'Liri Sterlina ta' Lm12,900 għalhekk mar għand ir-rikorrent u dan tah dik is-somma fi flus kontanti. Hu kien iffirmalu żewġ ċekkijiet *post dated* u *cioè* wieħed datat 14 ta' Frar 2004 fl-ammont ta' Lm6,700 u ieħor datat 9 ta' Frar 2003 fl-ammont ta' Lm6,200. Dawn iċ-ċekkijiet kienu jirrappreżentaw xiri ta' flus f'valuta estera u mhux self. Qal li meta fi Frar 2004 kien ħallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm6,700 fi flus kontanti, dan la kien tah riċevuta u lanqas iċ-ċekk ta' Lm6,700 lura. Hu lanqas qatt ma ippreżenta ċ-ċekk għall-ħlas. Qal li aktar tard kien tah aktar żmien biex iħallas iżda ried li jħallsu l-imgħax. Kien talbu erba' ċekkijiet fl-ammont komplessiv ta' Lm7,000, li minnhom Lm800 kienu imgħax. Riedu joħroġ iċ-ċekkijiet fuq isem terzi persuni u hu hekk għamel: ħareġ iċ-ċekkijiet f'isem Martin Chircop, Paul Agius, Paul Tonna u Paul Abela. Qal li ċ-ċekk mahrug lil Martin Chircop u iffirmat mir-rikorrent kien ġie ippreżentat għall-hlas. Ma jafx x'sar bl-oħrajn.

"Semma li hu fadallu jħallas lir-rikorrent sitt elef u seba' mitt liri Maltin.

"In kontro-eżami qal li hu qatt ma ngħata riċevuti tal-ħlasijiet. Żied li r-rikorrent ma kienx ried ċekkijiet fuq ismu iżda fuq persuni oħra. Qal li proprjament ma kienx self ta' flus iżda xiri ta' munita barranija. Sostna li kien fadallu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' s-sitt elef u seba' mitt lira Maltin.

"Illi din il-kawża ġiet intavolata mir-rikorrent *stante* li ġie sostnut li sar self *brevi manu* lill-intimat għas-somma ta' Lm12,900, u għal dan l-ammont l-intimat kien ħareġ żewġ ċekkijiet, wieħed datat 9 ta' Frar 2003, fl-ammont ta' sitt elef u mitejn liri Maltin (Lm6,200), u l-ieħor datat 14 ta' Frar 2004, fl-ammont ta' sitt elef u seba' mija liri Maltin (Lm6,700).

"Min-naħa l-oħra, l-intimat laqa' billi qal li t-talba tar-rikorrent hija infondata peress li r-rikorrent qatt ma silef flus lill-intimat iżda it-tranżazzjoni [*sic*] kienet dik ta' tisrif ta' flus barranin da parti tar-rikorrent. Ġie eċċepit ukoll li l-ammont pretiż huwa esaġerat, u *se mai* l-ammont dovut huwa ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000). Ġie eċċepit ukoll

li r-rikorrent kien ta struzzjonijiet lill-intimat biex joħroġ ċekkijiet f'isem persuni oħra u għalhekk ir-rikorrent m'għandux interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri.

"Ma irriżulta li ma kien hemm ebda skrittura fir-rigward tas-self allegat, u anqas dwar xi tranżazzjoni [*sic*] ta' natura oħra. Illi irriżulta mix-xiehda tar-rikorrent li hu ta b'self l-ammont ta' tnax-il elf u disa' mitt lira Maltin (Lm12,900) lill-intimat. Iżda min-naħa l-oħra l-intimat innega dan u sostna li t-tranżazzjoni [*sic*] bejn il-partijiet kienet ta' tisrif ta' flus. Irriżulta wkoll mix-xiehda ta' Ronald Azzopardi fejn qal li kien diġà ħallas l-ammont ta' Lm6,200 meta mar għand Alfred Stivala fi Frar 2004, iżda ta' dan huwa ma ngħata l-ebda riċevuta.

"Huwa sostna wkoll li l-ammonti f'dawn iċ-ċekkijiet jirrappreżentaw xiri ta' flus f'valuta estera u mhux self. Illi minn analiżi tal-atti tal-kawża, fil-fehma ta' din il-qorti, dak sostnut mill-intimat ma ġiex suffiċjentement ippruvat.

"Minbarra hekk, fix-xiehda tiegħu, ir-rikorrent in kontro-eżami ikkonferma li meta kien jislef il-flus lil Ronald Azzopardi ma kinux jagħmlu kitba; kien jagħtih ċekkijiet kontriehom. Ġie ikkonfermat ukoll li l-ammonti dovuti lilu huma dawk l-ammonti li jidhru fiċ-ċekkijiet *a fol.* 4 tal-proċess.

"Għalhekk, l-ammonti l-oħra murija fiċ-ċekkijiet indirizzati lil persuni oħra *a fol.* 6 tal-proċess ma jitfgħux aktar dawl dwar l-ammonti dovuti u mhumiex dawk mitluba fir-rikors. Għalhekk dak eċċepit mill-intimat li r-rikorrent m'għandux interess ġuridiku ma jissussistix. *Nonostante* dan, ladarba ebda wieħed miċ-ċekkijiet ma seta' jissarraf, ir-rikorrent kellu jipproċedi bil-każ in eżami. Jiġi dedott li ġaladarba l-intimat ħareġ dawn iċ-ċekkijiet, hekk kif ikkonferma hu stess, hu kellu l-intenzjoni li jitħallsu dawn l-ammonti dovuti lir-rikorrent.

"Illi r-rikorrent jippretendi li jitħallas l-ammont ta' tnax-il elf u disa' mitt lira Maltin (Lm12,900). Illi r-rikorrent ressaq il-provi tiegħu a sodisfazzjon tal-qorti filwaqt li min-naħa tal-intimat dak li ġie sostnut mir-rikorrenti ma ġiex validament oppost.

"L-intimat ma rnexxilux jagħmel provi suffiċjenti in sostenn tar-risposta tiegħu li l-ammont *de quo* jirreferixxi għal tisrif ta' flus barranin. Ukoll l-intimat isostni li t-talba għall-ammont hija waħda esaġerata minħabba li l-ammont

dovut huwa ta’ Lm6,700, iżda l-qorti għandha quddiemha żewġ ċekkijiet, wieħed ta’ Lm6,200 u wieħed ta’ Lm6,700, iffirmati mill-intimat favur ir-rikorrent li ma jidhirx li ġew qatt imsarrfa. Dan iwassal li l-qorti jkollha toqgħod fuq dak li sostna r-rikorrent u *cioè* li l-ammont dovut huwa ta’ Lm12,900. Ċertament dwar dawn ir-rikorrent kellu l-interess ġuridiku neċessarju.

“Dwar l-imgħax ma jidhirx li kien hemm xi ftehim speċifiku u għalhekk huwa dekorribbli biss mill-interpellazzjoni, mill-fatti kif jirriżultaw.”

12. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b’rikors tal-1 ta’ Frar 2010. L-aggravji tiegħu huma dawn:

13. kontra dak li sabet l-ewwel qorti, in-negozju bejn il-partijiet ma kienx ta’ self iżda ta’ xiri ta’ valuta estera;

14. ukoll kontra dak li sabet l-ewwel qorti, f’kull każ il-konvenut għandu jagħti mhux aktar minn daqskemm jiswew sebat elef lira (Lm7,000);

15. l-attur ma għandux interess ġuridiku fil-kawża; u

16. ukoll kontra dak li sabet l-ewwel qorti, l-attur ma resssaqx provi li tassew għandu jieħu daqskemm qiegħed jitlob.

17. L-attur wieġeb fid-19 ta’ Frar 2010 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

18. L-ewwel aggravju tal-konvenut essenzjalment huwa illi l-provi juru illi tassew illi n-negozju bejn il-partijiet kien ta’ xiri ta’ valuta estera. Dan l-aggravju għandu jitqies fid-dawl tal-fatt illi din il-qorti, bħala qorti ta’ reviżjoni, ma tiddisturbax konklużjonijiet tal-ewwel qorti dwar fatti jekk ma jintweriex illi l-ewwel qorti, bix-xiehda li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha; ma huwiex biżżejjed illi jintwera illi dawk ix-xiehda setgħu wkoll iwasslu għal konklużjoni differenti. Dan jingħad għax l-ewwel qorti, li kienet il-qorti li semgħet ix-xiehda, ġeneralment tkun f’pożizzjoni aħjar illi tagħmel apprezzament tagħhom.

19. Madankollu, għandu jingħad ukoll illi fil-każ tallum il-motivazzjoni tal-ewwel qorti dwar l-eċċezzjoni relativa tal-konvenut – illi “l-intimat ma rnexxilux jagħmel provi suffiċjenti in sostenn tar-risposta tiegħu li l-ammont *de quo* jirreferixxi għal tisrif ta’ flus barranin” – hija x’aktarx

lakonika u insuffiċjenti u għalhekk din il-qorti hija tal-fehma illi jkun għaqli illi tgħarbel sew ix-xiehda biex tara jekk dik il-konklużjoni tal-ewwel qorti kienet waħda li setgħet raġonevolment tasal għaliha.

20. Naturalment, ladarba l-eċċezzjoni ressaqha l-konvenut, fuqu jaqa' l-oneru tal-prova.

21. Il-konvenut fisser dan l-aggravju hekk:

"illi l-provi li tressqu mill-appellant in sostenn tat-teżi tiegħu kienu jikkonsistu, *inter alia,* mill-*affidavit* minnu preżentat bid-dokumenti hemm annessi. Fil-fatt, fix-xiehda tiegħu, l-appellant spjega kif huwa kien, diversi drabi, igħaddi flus fil-munita Maltija lill-appellat – jew jibgħathom ma' ċertu Ian Pecorella, ħabib tal-kontendenti – sabiex l-istess appellat jgħaddi lill-appellant l-ekwivalenti f'valuta barranija. Hawnhekk issir referenza għal dok. RAS1, ossija għal *cheque* maħruġ mill-kont bankarju tal-appellat, u ċjoè *SAV Business Account,* fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf lira sterlina favur ċertu Yvonne Aquilina. Dan, kif ġie spejgat fid-dettall fl-*affidavit* tal-appellant, jixhed waħda minn dawn it-transazzjonijiet li kienu jsiru bejn il-kontendenti u li, naturalment, kienu jinvolvu lill-appellant jgħaddi l-ekwivalenti fi flus Maltin lill-appellat. L-istess jista' jingħad fir-rigward ta' dok. RAS2, ossija *cheque* fl-ammont ta' ħamest elef u ħames mitt lira sterlina favur *Natwest Offshore Ltd*, fir-rigward ta' dok. RAS3, ossija *cheque* fl-ammont ta' sbatax-il elf u mitt lira Maltin favur ċertu Joseph Aquilina, u fir-rigward ta' dok. RAS4 ossija *cheque* fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u ħamsin lira Maltin favur ċertu V. Vella."

22. Essenzjalment, mela, il-konvenut qiegħed jistrieħ fuq erba' *cheques* li tnejn minnhom huma denominati f'liri sterlini u t-tnejn l-oħra f'liri maltin. Nibdew biċ-*cheques* denominati f'liri maltin.

23. L-ewwel wieħed – dok RAS3 – huwa *bank draft* pagabbli lil ċertu Joseph Aquilina. Il-konvenut igħid illi ħareġ dan iċ-*cheque* bi ħlas lill-attur iżda, fuq struzzjonijiet tal-attur, ma ħarġux fuq isem l-attur iżda fuq isem Aquilina. Dan Aquilina ma tressaqx biex jixhed u ma hemm ebda prova li torbot lil Aquilina mal-attur.

24. It-tieni *cheque* f'liri maltin – dok. RAS2 – huwa *cheque* personali tal-konvenut pagabbli lil ċertu V. Vella, li

wkoll ma tressaqx biex jixhed. Fl-*affidavit* tiegħu[1] il-konvenut igħid illi dan iċ-*cheque* huwa "iffirmat u ittimbrat minn Alfred Stivala", iżda, għallinqas fuq il-kopja esebita fl-atti[2], ma jidher ebda timbru jew firma tal-attur Stivala: hemm żewġ timbri ta' *Bank of Valletta*, hemm firma li tidher li hija ta' Vella u hemm firma oħra fuq it-timbru tal-bank li x'aktarx hija tal-kaxxier. Għal darba oħra ma hemm xejn li jorbot dan iċ-*cheque* mal-attur u, bħaċ-*cheque* l-ieħor, ma jiswiex bħala prova favur it-teżi tal-konvenut.

25. Barra minn hekk dawn iż-żewġ *cheques* huma denominati f'liri maltin u b'ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala xiehda ta' negozju f'munita barranija.

26. Ngħaddu issa għaċ-*cheques* denominati fi sterlini. L-ewwel wieħed – dok. RAS1 – huwa maħruġ minn *SAV Business Account* fuq *Natwest* favur ċerta Yvonne Aquilina. Il-konvenut igħid illi kien deher f'isem din Yvonne Aquilina fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà u, billi din toqgħod l-Ingilterra, il-flus ridithom fi sterlini. Dawn l-isterlini jgħid li xtrahom mingħand l-attur għax offrielu rata aħjar, u dan iċ-*cheque* huwa għal parti minn dawn il-flus.

27. La tressqet biex tixhed Yvonne Aquilina u lanqas ma ntweriet kopja tal-kuntratt li semma l-konvenut. Fl-*affidavit* tiegħu[3] l-konvenut igħid illi "skond Ian Pecorella *SAV* tfisser Stivala Alfred" iżda Ian Pecoralla ma tressaqx biex jixhed illi "*SAV* tfisser Stivala Alfred" u ma hemm xejn li jorbot lill-attur ma' dan iċ-*cheque*. Tant hu hekk illi l-konvenut stess waqt il-kontro-eżami[4] stqarr illi "issa jekk hux veru jew le ma nafx imma dan li kien qalli Pecorella". Għandu jingħad ukoll illi Ian Pecorella jissemma mill-konvenut bħala intermedjarju bejn il-partijiet f'dawn in-negozji ta' xiri ta' flus barranin u għalhekk kien ikun xhud ewlieni ta' x'kien jiġri tassew bejniethom. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa x'aktarx inspjegabbli n-nuqqas tal-konvenut li jressqu biex jixhed.

28. L-istess jingħad dwar iċ-*cheque* l-ieħor – dok. RAS3 – li wkoll huwa maħruġ minn *SAV Business*

---

[1] Para. 16, *fol*. 30 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[2] Fol. 35 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[3] Para. 5, *fol*. 28 tal-proċess tal-ewwel qorti

[4] Fol. 48 tal-proċess tal-ewwel qorti.

*Account* fuq *Natwest* favur *Natwest Offshore Limited*: ma hemm ebda prova li torbot lill-attur ma' dan iċ-*cheque*.

29. Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, lill-konvenut ma seħħlux li juri illi l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti kienet waħda li ma setgħetx raġonevolment tasal għaliha fuq il-provi. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

30. Fit-tieni aggravju, li wkoll huwa dwar apprezzament ta' xiehda, il-konvenut igħid illi għandu jagħti mhux aktar minn daqskemm jiswew sebat elef lira (Lm7,000). Essenzjalment, li qiegħed igħid il-konvenut huwa illi tassew kellu jagħti tnax-il elf u disa' mitt lira ta' Malta (Lm12,900) iżda minnhom ħallas sitt elef u seba' mitt lira (Lm6,700) akkont fi flus kontanti u bla ma ngħata riċevuta. L-attur jiċħad li tħallas. Il-konvenut igħid illi l-attur ma huwiex kredibbli iżda din ma hijiex ħlief allegazzjoni tiegħu li ma hija msaħħa b'ebda prova konkreta.

31. Fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma tarax kif il-konklużjoni tal-ewwel qorti ma kinitx waħda raġonevoli jew kif fin-nuqqas ta' prova oġġettiva ta' ħlas l-ewwel qorti setgħet waslet għal xi konklużjoni oħra. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

32. It-tielet aggravju huwa dwar nuqqas ta' interess ġuridiku. Il-konvenut igħid illi biex iħallas id-dejn, jew għallinqas parti minnu, hu fuq struzzjonijiet tal-attur kien ħareġ erba' *cheques* pagabbli lil terzi. Għalhekk, igħid il-konvenut, huma dawn it-terzi, mhux l-attur, li għandhom l-interess meħtieġ biex iressqu din il-kawża.

33. Dan l-aggravju huwa fieragħ. Din ma hijiex azzjoni kambjarja msejsa fuq iċ-*cheques* iżda kawża għall-ħlas ta' dejn; iċ-*cheques* tressqu biss bħala xiehda tad-dejn. *Cheque* ma huwiex ħlas iżda offerta ta' ħlas u, ladarba ċ-*cheques* ma ssarfux, l-obbligazzjoni oriġinali li tagħha qiegħed jintalab il-ħlas baqgħet ma tħallsitx. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

34. L-aħħar aggravju l-konvenut isejjaħlu "nuqqas ta' provi". Igħid illi ma tressqet ebda prova illi ċ-*cheques* li bihom offra li jħallas tassew ma ssarfux. Dan l-aggravju wkoll huwa fieragħ. Jekk irid igħid illi ċ-*cheques* issarrfu l-konvenut seta' faċilment ressaq lir-rappreżentanti tal-bank biex jixhdu dwar dan. Jekk irid igħid illi ċ-*cheques* ma ġewx preżentati għall-ħlas mill-attur għax dan tħallas fi

flus kontanti l-konvenut kellu jfisser għala ċ-*cheques* baqgħu f'idejn l-attur u mhux ingħatawlu lura meta ħallas. Minn dan kollu ma sar xejn u din il-qorti ma tarax kif jista' jingħad illi l-konklużjoni tal-ewwel qorti ma kinitx waħda li setgħet raġonevolment tasal għaliha fuq il-provi, jew kif setgħet waslet għal xi konklużjoni oħra.

35. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenut appellant iħallas l-ispejjeż tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------